MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2008

Appell Kriminali Numru. 106/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Alexander Grech)**
**Vs**
**Nigel Holland**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli matul ix-xahar ta' Dicembru, 2004, fil-Furjana, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh tas-Sindku tal-Furjana w cioe' Publius Agius, wegghu bi kliem, b'gesti jew b'kitba jew b'disinji mxandrin jew esposti fil-pubbliku w dan bi ksur tal-Art. 252 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 t'April, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 252(1) u (3) tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati

izda lliberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien sena skond l-artikolu 22 tal-Kap. 446.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 t’April, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant mill-imputazzjoni w piena nflitta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat li l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fil-fatt illi ghalkemm l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tal-provi hija erronjament ikkonkludiet li dawn il-fatti jikkostitwixxu l-elementi tar-reat addebitat.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

Illi qabel ma tghaddi biex tikkonsidra l-aggravju tal-appellant, il-Qorti thossha fid-dover li tirrimarka li ma tistax tifhem kif f' din il-kawza inghatat sentenza fl-ismijiet: "Il-Pulizija vs. Nigel Holland" minflok fl-ismijiet : "Publius Agius vs. Nigel Hlland". Din kienet kawza ta' ingurja bil-miktub li suppost kienet prosegwibbli fuq kwerela tal-parti leza skond l-artikolu 255 w li skond l-artikolu 373 u 374 tal-Kodici Kriminali il-prosekuzzjoni kellha titmexxa mill-kwerelant b' mod li l-Pulizija Ezekuttiva ma kienetx parti fil-kawza. Anki jekk tali procediment kellu jsir ghab-bazi tal-Press Act (Kap.248, kif suppost kellu jsir) skond l-artikolu 31 ukoll il-Pulizija trid tmexxi fuq il-kwerela tal-parti allegatament ingurjata. (Ara : App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Sciberras u Maria Lourdes Sciberras"** [21.1.1997] **u "Il-Pulizija vs. Philippa Farrugia "** [6.12.1995] .

Illi l-fatt li fis-sentenza appellata giet indikata bhala parti l-Pulizija Ezekuttiva minnflok il-kwerelant , seta' johloq problemi li kieku l-istess kwerelant ried jappella. Pero' fil-

kaz odjern l-appellant mhux qed jilmenta minn dan id-difett..

Ikkonsidrat;

Illi kif irrilevat l-istess Qorti jidher *ictu oculi* li l-volantin inkriminat, li kopja tieghu tinsab a fol. 16, 17 u 18 tal-process, sar permezz ta' stampat u mhux bil-kitba fis-sens kif kostantement interpretat fil-gurisprudenza nostrana. Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Joseph Sciberras et**" appena citat, *"Meta l-legislatur qed jitkellem dwar* ***"stampat*** ***<u>b' tipi</u>*** ***tipografici****" ("printed in typographical <u>characters"</u> , fit-test Ingliz) fl-Att Dwar l-Istampa, Kap. 248, l-emfasi mhux fuq il-<u>process</u> tipografiku izda fuq ir-rizultat li wiehed jara stampat quddiemu, jigifieri li jara r-rizultat bhalma jhallu t-tipi li jintuzaw fil-process tipografiku. Jekk il-process ikunx dak tipografiku klassiku (composing type and printing from it" Collins English Dictionary "v. tipography", jew process jew sistema , sija mekkanika kif ukoll elettronika jew kombinazzjoni tat-tnejn, li taghti rizultat finali simili ghal dak tipografiku (bhal per ezempju phototypesetting, bl-uzu ta' typewriter, l-uzu ta' printer tal-kompjuter, diversi forom ta' "offset printing") hu irrilevanti*." (ara ukoll : **"Tabib Dr. Henry Copperstone et at vs. Publio Schembri"** App. Krim. [18.3.1961], deciz mill-Qorti Kriminali li dak iz-zmien kienet tisma appelli minn sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati fir-rigward tal-allura Kap.117 u **"Dr. Joseph Ciappara vs. Joseph Zammit**" - Prim' Awla [7.5.1991] ,

Illi skond l-istess gurisprudenza, ghalhekk l-att inkriminat jekk stess kien prosegwibbli kien prosegwibbli taht l-Att dwar l-Istampa Kap. 248. (ara ukoll : **"Il-Pulizija vs. Rocco Abdilla"** [Vol. XLVI, p. iv. p. 788]; **"Dom Mintoff vs. Dun Saverin Bianco"** [4.10.1961]; **"Avukat Dottor Giuseppe Maria Camilleri vs. Quintano et"** Prim' Awla 29.12.82]; **"Il-Pulizija vs. Anton F. Attard"** [Appelli Nru. 79/2006 u 80/2006] u ohrajn.) .

Ghaldaqstant jidher ovvju illi kull akkuza li talvolta setghet tigi dedotta kontra l-appellant kellha f' dan il-kaz tkun

akkampata taht *"The Press Act"* , Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux taht l-Artikolu 252 tal-Kodici Kriminali.

Isegwi ghalhekk li kull sejbien ta' htija taht dan l-ahhar Artikolu huwa zbaljat u ghalhekk, minghajr ma' din il-Qorti toqghod tidhol f' aggravji ohra tal-appellant, dwar *l-animus injuriandi*, jidher manifest li s-sentenza appellata ma tistax treggi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------